MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 122/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco**
**f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Maria Dolores Balzan**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm804.32 (tmin mija u erbgha liri Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti diversi kambjali li nhargu fit-28 ta' Awissu 1998 minn Maria Dolores Balzan favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' Lm50.27 (hamsin lira maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuta naqset li thallas sittax (16)-il kambjala ta' Lm50.27 (hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Awissu 1998 u Dicembru 2002.

L-ammont totali dovut huwa ta' Lm804.32 (tmien mija u erbgha lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandati ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' lil John Sultana bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur noe s-somma ta' Lm804.32 (tmien mija u erbgha liri Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti import ta' sittax il-kambjala skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------